MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1630/2010

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Jane Bakoush**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici iddikjarat illi matul is-sena 2009, il-konvenuta kienet assigurat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ***LCG 202*** mas-Socjeta' attrici;

Illi nhar it-9 ta' Ottubru, 2009 sehh incident awtomobilistiku gewwa *Triq Marina, Pieta'* bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni *DRU 024* misjuqa minn certu Dr Andrew Bezzina;

Il-konvenuta baqghet ma ressqitx *claim* mas-Socjeta' attrici relattivament ghall-incident *de quo*, u dan kif kienet obbligata illi taghmel kemm ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva mahruga mis-Socjeta' attrici;

Illi s-Socjeta' attrici informat lill-konvenuta sahansitra permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Novembru, 2009 illi galadarba kien jirrizulta kjarament illi l-istess konvenuta kienet tahti ghall-incident *de quo*, hija kienet ser thallas id-danni reklamati mit-terzi in konnessjoni ma' l-istess incident ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement kienet sejra tipprocedi fil-konfront taghha ghall-irkupru ta' l-ammonti kollha minnha sborsati ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva skond il-Ligi;

In vista tal-fatt illi l-konvenuta baqghet ma rregistratx l-opposizzjoni taghha skond il-Ligi, is-Socjeta' attrici effettivament hallset lit-terzi s-somma ta' elf, mija u erba' Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€1,104.71c) kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Illi galadarba l-konvenuta agixxiet bi ksur ta' diversi kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-Socjeta' attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenuta l-ammont ta' elf hames mija u zewg Ewro u erbghin centezmu (€1,502.40) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' elf, mija u erba' Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€1,104.71c) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u sebgha u disghin Ewro u disgha u sittin centezmu (€397.69c) l-ispejjez inkorsi mis-Socjeta' attrici in konnessjoni ma' ittri legali, gudizzjarji u konsulti riferibbilment ghal-istess incident awtomobilistiku.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali tat-23 ta' Novembru, 2009 u tal-5 ta' Lulju, 2010 rispettivament, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta, illi tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' elf, hames mija u zewg Ewro u erbghin centezmu (€1,502.40c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------